HAL BALZAN

IS-SITT SENA NRU. 33 JANNAR/FRAR 1977

EDITORJAL

• WASAL JUM SAN VALENTINU

Meta tisma' b'xi ħadd li jġib l-isem ta' Valent, donnok bla ma trid, tgħid li jew hu jew xi ħadd mill-familja tiegħu huwa minn Ħal Balzan. U, jekk tistħarreġ sewwa, aktar iva milli le, issib li dan huwa minnu. Għax l-isem ta' San Valentinu ntrabat sfiq ma' dan ir-raħal b'rabta li ilha ġejja mill-bidu tas-seklu l-ieħor, meta l-Kanonku Dun Lawrenz Grech Delicata, b'awtentika tas-26 ta' Jannar 1820, ta lill-Knisja Parrokkjali tagħna l-korp sant ta' dan il-qaddis martri li huwa nnifsu kien ġab Malta miċ-ċimiterju ta' Sant'Elena f'Ruma. Minn dak iż-żmien sal-lum il-qima lejn dan il-qaddis issoktat tikber dejjem u l-festa tiegħu f'Lulju hija l-aktar waħda importanti fil-Parroċċa wara l-festa titulari tal-Lunzjata.

Bħalma jaf kulħadd, minn drawwa qadima ħafna, San Valentinu baqa' magħruf ħafna bħala l-qaddis protettur tal-għarajjes u l-maħbubin. Din m'hijiex ħlief koinċidenza ta' drawwa pagana ma' jum il-festa ta' dan il-qaddis li liturġikament taħbat fl-14 ta' Frar. Mill-bqija, mill-ftit tagħrif li għandna dwar il-ħajja ta' dan il-qaddis martri, ma jidher li kien hemm l-ebda relazzjoni bejn San Valentinu u l-għarajjes. (Għal aktar tagħrif dwar din id-drawwa, ara l-artiklu "San Valentinu: f'Ħal Balzan u fil-Folklor", li deher fil-ħarġa Jannar/Frar 1972).

Biss din id-drawwa, bħal kull drawwa oħra, hija ta' min igħożżha u jippreservaha. Forsi wkoll tkun ideja sabiħa li fil-ġejjieni, għal din l-okkażjoni tiġi organizzata f'Ħal Balzan xi attività reliġjuża-kulturali-soċjali bis-sehem ta' koppji żgħażagħ. Nistiednu lill-każini u lill-għaqdiet reliġjużi u soċjali ta' Ħal Balzan sabiex jaħsbu fuq din l-inizjattiva u jibagħtulna s-suġġerimenti tagħhom.

• IL-KULTURA

Skop ewlieni ta' din il-gazzetta sa mill-ewwel ħarġa tagħha kien li nnisslu fost in-nies ta' Ħal Balzan imħabba u apprezzament lejn l-ambjent ta' madwarhom, lejn l-istorja ta' Ħal Balzan u lejn dak kollu li hu Malti. Kien dan l-idejal ta' kultura li dejjem żammejna quddiem għajnejna tul dawn il-ħames snin u nofs li ilna nippubblikaw din il-gazzetta.

Il-kultura tiġbor fiha l-iżvilupp tal-bniedem sħiħ, il-bniedem fir-relazzjonijiet tiegħu kollha ma' għajru u miegħu nnifsu u, bħala nisrani, ma' Alla wkoll. Għalhekk f'pajjiż nisrani, il-kultura rridu narawha fi sfond nisrani. Bniedem jissejjaħ kolt meta jagħraf japprezza dak kollu li hu sabiħ u tajjeb — pittura, skultura, mużika, films, poeżija u kitba oħra, u kull xorta ta' arti u attività oħra tal-bniedem — u dan kollu jressqu lejn il-Ħallieq li waħdu huwa l-għajn ta' dak li hu sabiħ u tajjeb.

• IT-TAGĦLIM TAL-MUŻIKA

Semmejna l-mużika. Il-kultura tal-mużika f'pajjiżna twieldet, kibret u sseddqet tista' tgħid bis-saħħa tal-każini talbaned li, fil-ħeġġa tagħhom biex ikabbru l-festa Maltija, ħajru lit-tfal u ż-żgħażagħ sabiex jaqbdu l-istudju tal-mużika. Issurmast tal-banda, bl-akbar sabar, jieħu ħsieb igħallem b'xejn lil dawn iż-żgħażagħ li, meta jkunu tkissru tajjeb fit-teorija u l-prattika, joħorġu jdoqqu mal-banda. Ħafna rġiel u żgħażagħ fl-imgħoddi għamlu użu minn din l-opportunità u tgħallmu l-mużika sew għall-edukazzjoni persunali tagħhom kif ukoll xi drabi bħala mezz ta' għajxien.

Illum, sfortunatament, ftit huma t-tfal u ż-żgħażagħ li qegħdin japprofittaw ruħhom minn dan iċ-ċans. Huwa fatt kurjuż kif illum, meta kulħadd bl-imħatra min jitgħallem u jgħallem l-aktar 'l uliedu, opportunità bħal din fejn wieħed jista' jitgħallem il-mużika bla ħlas qiegħda tiġi ttraskurata. Għalhekk nagħmlu appell lill-ġenituri sabiex iħajru 'l uliedhom jistudjaw il-mużika u b'hekk tradizzjoni ta' ħafna snin tinżamm ħajja fl-ibliet u l-irħula tagħna.

• L-ISMIJIET TAT-TOROQ U L-BRAZZI TAZ-ZUNTIER

Fil-ħarġiet Marzu/April 1975 u Mejju/Ġunju 1975 konna kkummentajna rispettivament dwar l-ismijiet għat-toroq ġodda ta' Ħal Balzan u dwar il-brazzi qodma taz-zuntier tal-knisja. Dwar dawn ta' l-aħħar, nifirħu ngħidu li l-brazzi l-qodma tneħ-

• għal paġna 2

IL-KNISJA PARROKKJALI (21)

L-ARTAL MAĠĠUR

Wara li rajna l-bini tal-Knisja Parrokkjali, imiss issa li nibdew naraw xi ħaġa dwar kull artal li għandna fil-Knisja. Nibdew bl-artal maġġur u nkomplu bl-għajnuna t'Alla, l-artali l-oħra.

L-EWWEL ARTAL MAĠĠUR

L-ewwel artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali, kif insibu miktub fir-relazzjoni ta' l-Isqof Astiria li għamel lil din il-Knisja fl-1673 kien inbena proviżorjament fit-tarf tal-korsija quddiem ħajt li kien imtella' għal ftit taż-żmien sa taħt il-ħnejja tal-pilastri prinċipali qabel il-kor.(1)

Dan l-artal kien tal-ġebel li titla' għalih bi tliet tarġiet tal-ġebel ukoll. Naqraw fl-istess relazzjoni fuq imsemmija li dan l-artal kellu Tabernaklu ta' l-injam indurat b'żewġ pissidijiet tal-fidda. Fuq dan l-artal, barra mill-quddies tas-soltu, kienet titqaddes quddiesa baxxa kull nhar ta' Ġimgħa li kienet ġiet imħollija minn Ġużeppi Chetcuti.(2)

Fil-Viżta ta' l-Isqof Molina tal-1679, insibu mill-ġdid li dan l-artal għadu fejn kien imqiegħed l-ewwel darba, biss iżid igħid li dan l-artal hu mogħni b'gandlieri arġentati u bejn il-gandlieri hemm il-fjuretti. Isemmi wkoll li quddiem dan l-artal hemm tliet lampieri, wieħed jixgħel il-ħin kollu, u l-oħrajn jinxtegħlu nhar il-festi bħala turija tad-devozzjoni tan-nies tal-parroċċa. Igħid ukoll li dan l-artal għandu Tabernaklu li hu miksi minn ġewwa b'ħarir aħmar. Isemmi wkoll iż-żewġ pissidijiet u jgħid li l-pissidi ż-żgħir jintuża għall-Vjatku. F'din il-Viżta jissemma wkoll il-kwadru ta' l-Annunzjata li qiegħed fuq dan l-artal.(3)

Seba' snin wara, mill-Viżta ta' l-Isqof Cocco Palmieri sirna nafu li l-iskannell ta' dan l-artal huwa ta' l-injam li fih parti minnu ndurata u parti miżbugħa u mpittra.(4)

IT-TIENI ARTAL MAĠĠUR

Fir-relazzjoni tal-Viżta tal-20 ta' Settembru 1699, l-Isqof Cocco Palmieri jgħidilna li issa l-Knisja hija lesta u għandha forma ta' salib, li għadu kemm inbeda x-xogħol tal-bini tas-sagristija n-naħa tax-xellug tal-kor, u li dalwaqt jibda tiela' l-bini tal-koppla. Isemmi li l-kor hu spazjuż biżżejjed u jgħidilna li l-artal maġġur qiegħed issa quddiem dan il-kor.(5)

Nhar id-19 ta' Settembru 1707 tħallas il-kont għal sitt gandlieri ta' l-ulmu magħmulin minn Mastru Lorenzo Chircop mill-Gudja.


Il-Prokuraturi ta' l-artal maġġur fl-1709 kienu Dun Ġużepp Frendo u Dun Salv Sammut (iż-żgħir).(6)

Fil-ktieb tal-kontijiet tal-Knisja, insibu li l-prokuraturi daħħlu 10 skudi f'Jannar tal-1710 biex jistgħu jinxtraw erba' fjuretti ġodda għal dan l-artal.(7)

F'Mejju tal-1716 inxtara Kurċifiss għal fuq l-artal li qam 2 skudi u 6 tarì.(8)

Nhar it-28 ta' Settembru tal-1716, l-Isqof Jacobus Canaves sab li l-mensa ta' l-artal kienet ta' l-irħam abjad u jżid igħid li l-bqija tiegħu hu miżbugħ. Isemmi li fuq il-bieba tat-Tabernaklu hemm impittra x-xbiha ta' Kristu Rxoxt. Dan l-isqof talab li ssir ċavetta tal-fidda għal dan it-Tabernaklu. Naqraw ukoll fir-relazzjoni ta' din il-Viżta li fuq l-artal kien hemm għadd ta' statwi ta' l-injam arġentati.(9)

Fil-ktieb tal-kontijiet insibu li f'Marzu tal-1721 inxtara pissidi ġdid li qam 75 skud.



L-Artal tal-Knisja l-Qadima tal-Lunzjata, li qabel kien l-Artal Maġġur tal-Knisja Parrokkjali.

LAMPIER TAL-FIDDA

Il-prokuraturi tal-Knisja, f'Mejju 1727, ħallsu s-somma ta' 344 skud, 4 tarì u 5 grani lis-sur Matteo Communet għal lampier ġdid tal-fidda.

F'Awwissu ta' l-istess sena saret kaxxa fejn jintrefa' dan il-lampier u qamet 2 skudi u 8 tarì.

U kif inkomplu naqraw fil-ktieb tal-kontijiet tal-knisja, li minnu ħadna dan it-tagħrif, f'Diċembru 1727 is-sur Communet irċieva minn għand il-prokuraturi s-somma ta' 30 skud akkont ta' l-istess lampier.(10)

Fil-Viżta ta' l-Isqof Alpheran li għamel lil din il-Parroċċa fl-1729, igħid li quddiem l-artal maġġur hemm imdendel lampier

• għal paġna 2

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

BIG BEN

Prop.: A. GAUCI

21, 23, MAIN STREET,

BIRKIRKARA

Telephone: 40012

THE LEADING HOUSE FOR

GENTS' & LADIES' WEAR

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "ĦAL BALZAN"
c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

NOVEMBRU 1976

Nhar l-1 ta' Novembru, festa tal-Qaddisin Kollha, sar bħas-snin l-imgħoddija t-tberik taċ-ċimiterju. L-għada, Għid l-Imwiet, kif ukoll tul ix-xahar kollu ta' Novembru, ħafna Balzanin żaru ċ-ċimiterju biex jiftakru fi qrabathom midfunin hemmhekk. Fil-Knisja Parrokkjali saru wkoll l-uffiċċjaturi għall-qassisin li għexu u ħadmu fil-Parroċċa, għal dawk midfuna fiċ-ċimiterju, u għal dawk li kienu mseħbin fil-fratellanzi.

Tħabbar li l-ġabra għall-missjoni mill-Parroċċa tagħna din is-sena laħqet is-somma sabiħa ta' £M579.53,8.

Bejn l-20 u t-28 tax-xahar saret fil-Parroċċa Ġimgħa ta' Animazzjoni Missjunarja mis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Tul din il-ġimgħa saru żjarat lill-morda fi djarhom, laqgħat lid-diversi għaqdiet u każini tal-Parroċċa u mal-kommunitajiet tas-sorijiet, u wkoll laqgħat fl-iskejjel. Il-ġimgħa għalqet b'quddiesa konċelebrata nhar il-Ħadd, 28 ta' Novembru, li fiha saret il-Professjoni Perpetwa ta' erba' studenti tal-M.S.S.P. Bħala turija ta' rikonoxxenza, il-ġbir li sar fil-quddies kollu ta' dak in-nhar ingħata bħala offerta lill-istess Soċjetà biex igħinha teduka wieħed mill-istudenti tagħha għall-missjoni.

Mit-Tnejn, 29 ta' Novembru, sas-Sibt, 4 ta' Diċembru, saru l-eżerċizzi ta' l-Avvent bi priedka qasira waqt il-quddiesa ta' fil-għaxija minn Mons. Mikiel Azzopardi.

DIĊEMBRU 1976

Nhar l-Erbgħa, 8 ta' Diċembru, festa tal-Kunċizzjoni, ingħata s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lil 45 tifel u 29 tifla mill-Parroċċa. Amministra s-Sagrament l-Arċisqof Emeritus Mons. Mikiel Gonzi, u din kienet x'aktarx l-aħħar funzjoni mmexxija minnu fil-kariga ta' Arċisqof ta' Malta, billi l-Ħadd ta' wara, 12 tax-xahar, ħa l-pussess ta' Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca. Wara li ntemmet iċ-ċerimonja tal-Griżma, il-Kappillan, il-Kan. Dun Karm Sciberras, għamel indirizz lil Mons. Gonzi u fih irringrazzjah tal-ħidma twila tiegħu. Imbagħad żewġt itfal mill-Parroċċa offrewlu rigali ta' fjuri u lariġ. Wara l-Arċisqof għamel kelmtejn ta' għeluq. Kif Mons. Gonzi ħareġ mill-knisja, saritlu dimostrazzjoni qasira minn fuq iz-zuntier tal-knisja sad-dar tal-Kappillan bħala ringrazzjament tat-33 sena li għamel bħala Arċisqof tagħna.

Bejn il-15 u t-23 ta' Diċembru, saret in-novena tal-Milied bi priedka fil-quddiesa ta' fil-għaxija minn Dun Ġużepp Zammit. Nhar it-Tlieta, 21 tax-xahar, il-ġuvintur tal-'Youth Centre' ippreżentaw programm varju fuq il-Milied bl-isem ta' "Bethlehem f'Ħal Balzan". Kien programm ħelu ħafna u kien jiġbor fih drama, mużika u poeżija.

Lejlet il-Milied saret bħas-soltu d-dimostrazzjoni bil-Bambin mill-membri tal-Museum. Saru wkoll il-priedka tat-tifel u l-poeżiji fuq iz-zuntier ta' Santa Marija, fejn ittellgħu xi premjijiet.

Il-Ħadd, 26 ta' Diċembru, kienet il-festa tas-Sagra Familja. Fil-għodu saret quddiesa fil-knisja għall-familji kollha tal-Parroċċa li fiha l-koppji miżżewġa kienu mistiedna joqogħdu flimkien b'uliedhom magħhom.

L-aħħar jum tas-sena, il-Ġimgħa 31 ta' Diċembru, saret il-quddiesa bl-omelija ta' l-okkażjoni minn Mons. Lawrenz Gatt. Wara tkanta t-Te Deum ta' radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji kollha li tana matul is-sena.

Il-Kwaranturi Solenni fil-Parroċċa saru bejn il-Ġimgħa, 31 ta' Diċembru, u l-Ħadd, 2 ta' Jannar 1977, festa ta' l-Epifanija. Fit-tlett ijiem is-S.smu Sagrament ġie espost wara l-aħħar quddiesa. Imbagħad saret l-adorazzjoni mill-għaqdiet u minn persuni privati.

• minn paġna 1

ħew u minflokhom saru tnejn ġodda jixegħlu bin-neon. Dawn bdew jiffunzjonaw fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru tas-sena li għaddiet. F'isem il-Balzanin kollha, aħna nixtiequ nirringrazzjaw lill-Gvern li ħaseb fina wkoll u hekk il-knisja tagħna ddawlet bħal knejjes oħra.

Dwar l-ismijiet għat-toroq il-ġodda ta' Ħal Balzan, s'issa għadu ma tħabbar xejn. Biss nittamaw li t-toroq il-ġodda tagħna ma jdumx ma jingħatalhom isem u li l-kumitat inkarigat mill-għoti ta' dawn l-ismijiet jieħu in konsiderazzjoni s-suġġerimenti li konna ressaqna fuq din il-gazzetta. (Ara l-ħarġa msemmija ta' Marzu/April 1975).

L-ARTAL MAĠĠUR

• minn paġna 1

ġdid tal-fidda li għadu kemm iż-żanżan. F'din l-okkażjoni jsemmi wkoll li ċ-ċavetta tal-fidda li kien talab fil-Viżta ta' qabel biex issir għat-Tabernaklu, sab li kienet saret.(11)

TABERNAKLU, GANDLIERI U VENTARTAL ĠODDA

Kien Jannar tal-1731 meta mar-raħal beda l-ġbir għal Tabernaklu isbaħ u aktar dinjituż. Għal dan il-għan inġabret is-somma ta' 183 skud u 2 tarì. B'digriet ta' l-Isqof, il-Fratellanzi tas-SSmu. Sagrament u tar-Rużarju taw 12-il skud u 6 tarì kull waħda. Il-werrieta ta' Grazja Psaila taw ukoll 12-il skud u 6 tarì.

F'Ottubru 1731 il-prokuraturi ħallsu lil Mastru Marju għall-induratura ta' l-iskannel tat-Tabernaklu.

Il-prokuraturi, il-Kjeriku Pawlu Gatt u Ġużeppi Said, ħasbu għal sitt gandlieri oħra. F'Marzu 1732 tħallset is-somma ta' 22 skud u 10 tarì għal dawk il-gandlieri u x-xahar ta' wara tħallset is-somma ta' 37 skud għall-induratura tagħhom.

Kien imiss issa li jsir ventartal ġdid. Għalhekk insibu li ħarġet is-somma ta' 56 skud, 3 tarì u 15-il grana għal dan il-ventartal il-ġdid. Tħallset is-somma wkoll ta' 11-il skud u 11-il tarì għax-xogħol u għall-induratura tiegħu. Dan sar f'Jannar u f'Marzu 1734.(12)

Deskrizzjoni ta' dan kollu li għadna kemm semmejna nsibuha fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Alpheran li għamel lil din il-Knisja nhar l-1 ta' Mejju 1736, fejn naqraw: "Dan l-artal għandu żewġ tarġiet tal-ġebel u waħda ta' l-injam. Għandu l-iskannell tiegħu mimli kollu skultura u ndurat. It-Tabernaklu hu ġdid u magħmul b'forma eleganti li hu wkoll mimli skultura u ndurat. Fuqu hemm salib. Dan [illegible]-Tabernaklu minn ġewwa hu miksi b'ħarir damaskjat aħmar u fih jinsab tliet pissidijiet sbieħ ħafna. Fuq dan l-artal hemm [illegible] tad-damask aħmar li jgħatti l-artal kollu".(13)

Aktar tard sibna li Ġużeppi Borg, f'Awwissu 1749, irċieva żewġ pagamenti ta' 53 skudi u ta' 37 skud għall-induratura ta' l-iskannell ta' l-artal.

Ix-xahar ta' wara tħallsu 20 skud għal sitt fjuretti għal dan l-artal.(14)

Fil-ktieb tal-kontijiet tas-sena 1751 sibna dan il-kont:

Jannar 1751	=	Lil Ġużeppi Cardona bħala prezz tal-kaxxa tat-Tabernaklu	= 10 skudi
	=	Injam u xogħol tat-Tabernaklu	= 144 skud
	=	Lil Mastru E. Azzopardi għall-induratura	= 63 skud
	=	Ċappetti u serratura għat-Tabernaklu	= 1 skud 1 tarì
	=	Ħarir għall-kisi tat-Tabernaklu	= 5 skudi 8 tarì
	=	Xogħol tal-kisi tat-Tabernaklu	= 4 tarì
	=	Purtatura tat-Tabernaklu	= 1 skud 6 tarì 10 grani

Seba' snin wara dan il-kont insibu li l-Isqof Rull fil-Viżta li għamel lil din il-Knisja Parrokkjali, talab li jsiru żewġ mensoli ndurati fit-tarf tat-tieni tarġa ta' l-iskannell ta' l-artal maġġur.(15)

Peress li dan l-artal maġġur, għad li kien tal-ġebel, kien ta' preġju, meta ħasbu biex isir l-artal maġġur preżenti, dan l-artal ġie trasportat fil-Knisja ta' l-Annunzjata l-qadima fejn wieħed jista' jarah illum.

L-ARTAL MAĠĠUR TAL-LUM

Nhar il-11 ta' April 1820 saret kitba privata bejn il-prokuraturi tal-Knisja u l-marmisti Ġużeppi Dalli u Vincenzo Adrario biex dawn jintrabtu li jagħmlu l-artal maġġur ta' l-irħam.

Nhar it-30 ta' Diċembru 1821, Salvu Said ħallas akkont tas-somma ta' 80 skud skond it-twettiq tal-kuntratt li kien għamel Dun Andrea Fenech a favur ta' l-iskannell ta' l-artal, kif jidher fl-Atti tan-Nutar Salvatore Borg.

Il-ħsieb li jsir dan l-artal ta' l-irħam, kien diġà beda jixtered fost il-parruċċani, meta fl-1816 beda jsir il-ġbir fit-toroq għal dan l-artal. Nafu li fl-20 ta' Marzu 1822 kienet inġabret, tul dawn it-tmien snin, is-somma ta' 372 skud.(16)

REFERENZI

1. DIMECH G.: "Hal Balzan" Mejju/Ġunju 1974 Nru. 17.
2. ASTIRIA L.: Visit. Past. fol. 26 p. 358 Kurja Arċiv.
3. MOLINA M.H.: Visit. Past. fol. 114.
4. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. 22.
5. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 251.
6. ARKIV. PARR.: Lib. 8.
7. ARKIV. PARR.: Lib. 56.
8. Ibid. Cit.
9. CANAVES J.: Visit. Past. Kurja Arċiv.
10. ARKIV. PARR.: Lib. 56.
11. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. fol. 727.
12. ARKIV. PARR.: Lib. 56.
13. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. fol. 330.
14. ARKIV. PARR.: Lib. 56.
15. RULL BARTHOLOMAEUS: Visit. Past. Vol. II p. 1.
16. ARKIV. PARR.: Lib. 30 fol 42.

REV. MATTEW MAGRI JIEĦU L-PUSSESS TA' KANONKU

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Jannar 1977, fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt, sar il-Pussess ta' Kanonku ġdid, is-saċerdot żagħżugħ Dun Mattew Magri. Dun Mattew Magri twieled Ħal Balzan fit-2 t'Awwissu 1946 u ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Lulju 1974. Wara l-ordinazzjoni, l-Arċisqof Gonzi għogbu jtih il-kariga ta' viċi f'din l-istess Kolleġġjata.

Il-mewt tal-Kanonku Delia, li ġrat fit-3 ta' Lulju 1976, ħalliet post vakanti ta' kanonku f'din il-Kolleġġjata. Billi meta jiġri hekk il-preferenza taqa' fuq il-viċijiet tal-Parroċċa, il-kanonċi l-oħra ħatru unanimament lil Dun Mattew bħala Kanonku tal-Fundazzjoni ta' Katerina Valenti. In-nomina ħarġet nhar is-Sibt 16 ta' Jannar 1977. Ta' min isemmi li din kienet l-ewwel nomina ta' kanonku li ħareġ l-Arċisqof il-ġdid Mons. Ġużeppi Mercieca. Il-Pussess ġie mogħti lil Dun Mattew mill-Vigarju Ġenerali l-ġdid Mons. Arturo Bonnici.



Iċ-ċerimonja tal-Pussess kienet waħda sempliċi. L-ewwel inqara bil-Latin u bil-Malti d-digriet li ħareġ mill-Kurja ta' Malta. Imbagħad Dun Mattew ġie mlibbes bl-ilbies ta' kanonku li jikkonsisti f'rukkett, muzzetta, rużetta u berrettin. Iċ-ċerimonja tkompliet bil-ġurament u t-teħid tal-post fil-kor mal-kanonċi fil-waqt li fl-aħħar ġie ntonat it-Te Deum minn Dun Mattew u tkantat l-Antifona ta' San Pawl.

Għalkemm Dun Mattew Magri sar kanonku, b'danakollu xorta waħda se jibqa' jaqdi d-dmirijiet kollha li kellu bħala viċi.

Fil-waqt li nifirħulu, nitolbu għalih biex jikseb suċċess spiritwali f'dawn il-karigi li Alla għoġbu jafdalu.

INKANTAW LILL-MULEJ

"Inkantaw lill-Mulej" huwa l-isem ta' ktejjeb ta' innijiet għall-quddiesa u ċelebrazzjonijiet oħra li ġie ppubblikat dan l-aħħar mill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. Il-ktejjeb jiġbor fih sebgħa u sebgħin innu — innijiet għall-quddiesa, kant lill-Madonna, u innijiet varji. Il-ktejjeb huwa stampat ċar ħafna fuq karta sabiħa, b'kopertina mżewqa b'disinn ħelu taż-żagħżugħ Balzani Raymond Parascandolo. Fih ukoll daħla mill-Kappillan, li fuq inizjattiva tiegħu ġie stampat dan il-ktejjeb. Il-ktejjeb jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-sagristija tal-knisja.

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

INNU POPOLARI LIL M. ANNUNZJATA

b'kumment qasir minn Carmel Bezzina

Għall-festa ta' Marija Annunzjata tas-sena li għaddiet, iżżanżan l-Innu Popolari ġdid (li qegħdin nippubblikaw) li nkiteb miż-żagħżugħ poeta Balzani Ġorġ Borg u ġie mużikat minn Patri Albert Borg, Provinċjal ta' l-Agostinjani. Dan l-Innu tkanta waqt il-ħruġ tal-vara min-niċċa u fil-jiem tat-tridu wara l-funzjoni.

L-Innu l-ġdid malajr tgħallmuh il-Balzanin u ħadu sehem fil-kant tiegħu. Huwa innu sempliċi, mexxej, u tal-widna ħafna li ħafif biex titgħallmu u donnok tieħu pjaċir tkantah. Il-mużika tiegħu hija mexxejja ħafna u l-versi miqqutin.

Fit-tliet strofi li jiġbor fih l-Innu, il-poeta jaqbad tliet xeni differenti mill-episodju tat-Tħabbira: l-ewwel jurina 'l Sidtna Marija titlob 'l Alla "fis-skiet u l-ħemda"; imbagħad naraw l-Anġlu jagħti t-tislima l-kbira lil Marija u jħabbrilha li ser issir Omm Alla; fit-tielet kwadru naraw mill-ġdid 'il Marija, il-ħlejqa li kienet "fi ħsieb Alla dejjem", li taċċetta u tgħid "iva" għal dak li ried minnha l-Mulej. It-tliet strofi kollha jispiċċaw bil-vers "o warda mistika, itlob għalija", li fihom jinħass l-element intimu u personali ta' min jitlob minn qalbu lill-Madonna.

Hekk, fi tliet strofi t'erba' versi l-waħda, miktubin bil-vers talħdax, il-poeta rnexxielu jagħtina l-kwadru kollu tat-Tħabbira — kwadru konċiż imma sħiħ. U din il-kwalità, li jdaħħal ħafna fi ftit kliem, naħseb, hija waħda mill-karatteristiċi ewlenin ta' Ġorġ Borg bħala poeta.

Nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-familja Calleja tad-ditta 'Vitafoam Malta Limited' għat-telfa li ġarrbu bil-mewt ta' ommhom, is-sinjura Carmela Calleja, li ħalliet dan il-wied tad-dmugħ nhar it-3 ta' Frar, 1977.

L-istess xewqat ta' faraġ intennuhom lill-Kan. Spir. Sammut u l-familja tiegħu kollha għat-telfa ta' ommhom, is-sinjura Emmanuela Sammut, li ħalliet din id-dinja nhar il-10 ta' Frar, 1977.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Saru wlied id-Dawl bil-Magħmudija

Clarence-Leslie Pace, bin Prof. J. Leslie u Evelyn.
Antonello Vidal, bin Francis u Anna.
Reuben Sammut, bin Saviour u Doris.
Thomas John Cassar Torreggiani, bin Peter u Margaret.
Josienne Azzopardi, bint Paul u Mary.
Maximilian Magri, bin Georges u Josette.
Jonathan Bonnici, bin Anthony u Doris.
Marquita Meilak, bint Charles u Rita.
Juanita Ebejer, bint Victor u Epifania.

Qaddsu l-imħabba tagħhom fid-Dawl ta' Kristu

Anthony Busuttil u Monica Griffin.
John Andrew Schembri u Marlene Pace Moore.
Carmel Brincat u Rita Fenech.

Ħallew id-dlam tad-dinja u għaddew għad-Dawl ta' dejjem

Joseph Buscemi Le Brun.
Manwel Cilia.
Carmelo Vella.

INNU POPOLARI LIL MARIJA ANNUNZJATA

Lilek, ja Xbejba, li fis-skiet u l-ħemda
kont titlob 'l Alla jibgħat il-Messija,
issa mis-sema fejn ħdejn Ibnek qiegħda,
o warda mistika, itlob għalija.

Lilek, ja Xbejba, li ġie l-Anġlu fejnek
bi kliemu jgħidlek "Sliem għalik, Marija"
u jħabbar wara li sa ssir Omm Alla,
o warda mistika, itlob għalija.

Lilek, ja Xbejba, l'aċċettajt u għidt "iva"
b'grazzji kotrana mill-Mulej mimlija;
int li kont qiegħda fi ħsieb Alla dejjem,
o warda mistika, itlob għalija.

IS-SUR ANTHONY FENECH JERĠA' JISKORJA

F'Awwissu tas-sena li għaddiet, saret fid-Danimarka l-'Hafnia 76' jew l-Esibizzjoni Internazzjonali tal-Bolli taħt l-awspiċi tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Filatelija. Il-konkorrenti li ħadu parti f'din l-esibizzjoni kienu numerużi u kienu minn diversi pajjiżi.

Bl-unur kollu ngħidu li l-erba' konkorrenti Maltin marru tajjeb ħafna f'din l-esibizzjoni u rebħu diversi midalji. Fosthom kien hemm il-filatelista tagħna, Anthony Fenech, wild Balzani. Is-Sur Fenech daħal għal din l-esibizzjoni bil-kollezzjoni ta' bolli Maltin "Early Malta Cancellation" li hu ilu jiġbor sa minn meta kien ta' età żgħira. Huwa rnexxielu jakkwista s-'Silver/Bronze Medal' f'din l-esibizzjoni.

Din ma kenitx l-ewwel darba li s-Sur Fenech ħa parti f'esibizzjonijiet internazzjonali. Infatti huwa rebaħ midalji fl-Esibizzjoni Internazzjonali 'Espana 75' (tal-fidda) u f'dik ta' Poznan fil-Polonja fl-1973 (tal-bronż), kif ukoll kellu suċċessi f'Wirjiet Nazzjonali. Fil-waqt li nifirħu minn qalbna lill-ħabib u kollega tagħna, nixtiqulu suċċessi akbar fil-ġejjieni f'wirjiet oħra filateliċi.

KALENDARJU 1977

Għat-tieni sena, il-Bord Editorjali tal-gazzetta "Ħal Balzan" reġa' ppubblika l-Kalendarju għall-Balzanin għas-sena 1977. Il-Kalendarju fih tmintax-il ritratt ta' postijiet u avvenimenti fl-istorja tar-raħal, flimkien ma' tagħrif ieħor siewi bħal, ngħidu aħna, ħinijiet tal-quddies fil-Parroċċa, ħinijiet ta' laqgħat ta' tagħlim għat-tfal u għall-kbar, u wkoll in-numri tat-telefon tal-Kappillan u tal-Viċi. Il-Kalendarju jiġbor fih tagħrif ieħor meħtieġ bħal rati ta' pustaġġ lokali u għal barra, kif ukoll telefonati ta' emerġenza u oħrajn ta' ħtieġa, bħall-Għassa tal-Pulizija, tat-Tabib Distrettwali, tal-Posta, u tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali. Il-Kalendarju, barra li huwa ta' ħtieġa għan-nies ta' Ħal Balzan, għandu jiġi apprezzat ferm mill-Balzanin imsefrin, u jista' jinżamm ukoll wara li tgħaddi s-sena.

Għad baqa' biss ftit kopji tal-Kalendarju li jistgħu jinkisbu bil-prezz imnaqqas ta' 20 cents mill-Każin tal-Banda 'San Gabriel' jew mingħand xi membru tal-Bord Editorjali.

COMBINED INDUSTRIES LIMITED

JOSEPH LICARI — TOBACCO DIVISION

Telephone: 24301

ARS VITREA — GLASS AND MIRRORS DIVISION

Telephone: 40323

UTILITY WOODWORKS — FURNITURE AND JOINERY DIVISION

Telephone: 42027

MALTA ALUMINIUM LIMITED

Telephone: 42027

100, St. Anthony Street, Lija, Malta.

Cable Address: Jolica, Malta.

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Ftit ġranet ilu, wara li kienet għamlet dik ix-xita qawwija, ħriġt nagħmel passiġġata fil-kampanja ma' xi tfal li xtaqu jaraw xi wied sabiħ. Xi tfal, hekk kif sabu għadira u ndunaw li kien fiha xi żrinġijiet, daru magħha biex forsi jaqbdu xi ftit minnhom. Tifel ieħor li ma kienx magħhom, hekk kif rahom wiċċhom 'l isfel, qabad ġebla kbira u tefagħha fl-għadira. Tistgħu taħsbu kif ħasilhom kollha u mlielhom ħwejjiġhom bit-tajn! X'ħin mort ħdejh u staqsejtu għaliex għamel hekk, kien pront qalli: "Jien biex niċċajta!!"

Tfal għeżież, minn dan l-eżempju jidher ċar li mhux kull ċajt hu sabiħ u jagħti pjaċir. Iċ-ċajta ta' dan it-tifel kienet goffa u minflok ma ġiebet il-ferħ nisslet fihom id-dwejjaq u n-niket. Tfal edukati joqogħdu wisq attenti **kif** jiċċajtaw, **meta** jiċċajtaw, u **ma' min** jiċċajtaw.

Iċ-ċajt m'għandu qatt isir jekk nafu li ser ikun hemm xi ħadd li jieħu għalih, jew li se jsofri xi mistħija. Lanqas m'għandu jsir biex iwaqqa' għaċ-ċajt lil xi persuni li jkollhom xi difetti fil-ġisem tagħhom, ngħidu aħna, qosra ħafna jew jimxu ikreh.


Iċ-ċajt ikun sabiħ meta jsir f'ħinu u f'waqtu. Hekk, per eżempju, wieħed m'għandux jiċċajta fil-ħin tat-talb jew fil-knisja. Lanqas m'għandu jwaqqa' għaċ-ċajt il-ħwejjeġ qaddisa.

Mas-superjuri tiegħu wieħed għandu joqgħod wisq attent kif jiċċajta, u ċajta li tkun sabiħa għal ma' ħbiebek mhux dejjem tkun xierqa li ssir ukoll mas-superjuri.

Għalhekk, għeżież tfal, fiċ-ċajt tagħkom qisu li tkunu edukati u għaqlin biex ma taqgħux fil-mibegħda ta' sħabkom jew li tkunu mwarrbin mis-superjuri tagħkom.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Għal darb'oħra qed nagħmlulkom tisliba. Kull ma għandkom tagħmlu hu li timlew il-vojt skond ma għandkom hawn taħt. Meta tkunu mlejtu l-vojt kollu, minn fuq għal isfel tat-tisliba, fil-kaxxi mmarkati bl-iswed, għandkom issibu l-isem ta' għasafar sbieħ u jgħannu ħafna u li nsibuhom kważi f'kull dar. Mela ppruvaw sibu dan l-isem.



1. **Tazzi żgħar.**
2. **Ma għandux xagħar f'rasu.**
3. **Dan tajjeb ħafna bl-irkotta.**
4. **Ngħumu fih.**
5. **Ikollok wieħed fil-Magħmudija u fil-Griżma ta' l-Isqof.**
6. **Il-faċċata tal-Knisja jkollha ħafna minnhom fil-festa.**
7. **Ħamiem żgħir.**
8. **Dawn il-għasafar għandhom sidirhom aħmar.**

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda "San Gabriel" jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 12 ta' Marzu, 1977.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' qabel kienu:—

1. San Franġisk t'Assisi.
2. Ġesù Bambin.
3. F'maxtura.
4. Il-Madonna u San Ġużepp.
5. Il-baqra u l-ħmara.
6. Is-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.

Ir-rebbieħa ta' l-aħħar kompetizzjoni hija: Mary Anne Muscat, li toqgħod f'7, Triq Santa Marija, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

IL-KNISJA TAL-LUNZJATA FIR-RABAT T'GĦAWDEX

Din hija l-ewwel taqsima ta' artiklu interessanti li kitbilna r-Rev. Kan. Nikol Vella Apap, li nixtiequ nifirħulu billi għadu kemm inħatar l-ewwel Kanċillier tal-Kapitlu tal-Bażilka Kolleġġjata ta' San Ġorġ fir-Rabat t'Għawdex.

Ir-reliġjon nisranija f'dawn il-gżejjer

Dwar it-twelid u l-ħajja tar-reliġjon nisranija f'Għawdex, Patri Alexander Bonnici O.F.M.Conv. kiteb hekk: "Fl-imgħoddi, meta ma kellniex ħlief djoċesi waħda f'dak li għandu x'jaqsam mar-Reliġjon, Malta u Għawdex kienu magħqudin ħafna ma' xulxin. Il-liġijiet ta' l-isqfijiet tagħna aktarx li kienu dejjem għaż-żewġ gżejjer." (1) Fl-imsemmi ktieb inkomplu naqraw ukoll: "L-ewwel sekli huma moħbijin fid-dalma ta' l-istorja. Dwar Għawdex, aħna nistgħu biss nimmaġinaw li f'dik il-gżira ma damitx ma waslet il-fidi nisranija li San Pawl ħabbar lill-Maltin. F'Għawdex ukoll bdew jinbnew imqades ċkejknin għall-qima t'Alla." (2)

Wieħed għandu jaħseb ukoll li l-qima lejn il-Madonna fil-gżejjer tagħna hija bikrija wkoll. "Dan nafuh ukoll li fiż-żminijiet antiki kien hawn fil-gżejjer tagħna bosta u bosta knejjes iddedikati lill-Madonna." (3)

L-Annunzjazzjoni fil-Liturġija

Qabel ma ngħaddu biex nagħtu xi tagħrif storiku fuq il-knisja qadima tal-Lunzjata li tinsab fit-tarf tar-Rabat, biex insejsu din il-kitba ħa nerfgħu għal ftit il-ħarsa tagħna lejn dan il-Misteru Marjan fil-Liturġija li bħal raġġi ta' dawl iddawwal il-kitba tagħna. "Fil-Liturġija din il-festa kienet tissejjaħ 'Annuntiatio Domini'; 'Annuntiatio Christi'; 'Conceptio Christi'. Dawn ifissru 'It-Tħabbira tal-Mulej'; 'It-Tħabbira ta' Kristu'; 'It-Tnissil ta' Kristu'. Din il-festa fil-25 ta' Marzu hija waħda mill-eqdem festi Marjani. L-iktar dokument qadim li jitħaddet fuqha huwa 'Chronicon Paschale" ta' l-ewwel nofs is-seklu VII. Jitħaddet ukoll bħala festa li daħlet 'in vigore' minn żmien il-kalendarju tal-knisja. Ġewwa l-Lvant daħlet madwar nofs is-seklu VI bħalma jidher fl-omelija ta' Abramo d'Efeso "In Annuntiationem". Ġewwa Ruma diġà kienet iċċelebrata fis-seklu VII fi żmien Serġju I (687-701) fejn dan il-Papa żied f'din il-festa proċessjoni solenni u nazzjonali mid-Diaconia ta' S. Adriano għal-Bażilka ta' Santa Marija Maggiore." (4) "Iktar tard, iżda ċert qabel ir-raba' seklu, iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Annunzjazzjoni, tal-Purifikazzjoni, u wara tat-Twelid u ta' l-Assunzjoni ġew imwaqqfa." (5)

Qima qadima lejn il-Madonna

Nafu li San Luqa kien mhux biss tabib (6) imma wkoll pittur. (7) F'Malta hemm tradizzjoni li tgħid li ħalla żewġ kwadri tal-Madonna li pinġiehom fit-tliet xhur li dam fostna ma' l-Appostlu Missierna San Pawl. (8) "Ħaġa tal-għaġeb hija dik li fostna sa mill-qedem kellu għeruq l-aktar qawwija t-twemmin fil-Maternità tal-Madonna u fit-Tlugħ tagħha bir-ruħ u l-ġisem fis-Sema." (9) Fil-katakombi msejjaħ "Abbatija tad-Dejr" ġewwa Bir-Riehbu fir-Rabat. . .fil-ġnub tan-niċċa naraw ma' naħa waħda l-Anġlu bl-isem "Angelus Gabriel" fuqu, li qed iħabbar lill-Madonna li kellha tkun Omm t'Alla, u man-naħa l-oħra lil Marija bit-titlu ta' "Mater Domini" li qiegħda tilqa' t-tħabbira ta' l-Anġlu. (10)

Il-Għarab f'dawn il-gżejjer (870-1090)

Il-miġja tal-Għarab f'Malta biddlet il-mixja ta' l-istorja tagħna għax infridna mid-drawwiet, mill-ilsien, mit-twemmin, mill-istituzzjonijiet soċjali tal-kultura Ellenika-Rumana-Nisranija. (11) L-istoriku msemmi Patri A. Vella O.P. igħarrafna li: "Jisgħobbina ngħidu li dwar Malta fi żmien l-Għarab ftit li xejn għandna dokumenti u kull ma nkiteb wara t-tluq tagħhom minn fostna huwa dgħajjef ħafna. Biex il-perijodu jitħawwad iżjed inħolqu ħafna fehmiet kontra xulxin minħabba l-kwistjoni reliġjuża-politika-kulturali-lingwistika. Mill-ħakma tal-Għarab sal-lum l-ismijiet "Malta", "Għawdex", "Kemmuna" u "Filfla" qagħdu darba għal dejjem għall-gżejjer tagħna." (12)

"Ma naqrawx li l-Għarab ġiegħlu lill-Insara jiċħdu t-twemmin tagħhom jew li ppersegwitawhom; . . . . .lill-Insara kienu jagħrfuhom bħala dlummi jiġifieri qaddejja u mhux ilsiera u li ma kellhom l-ebda jedd ta' ċittadinanza." (13) "Wara l-miġja ta' Ruġġieru n-Normann u l-ħelsien mill-ħakma tal-Għarab (1090), il-knisja u l-popolazzjoni Maltija bdew jieħdu r-ruħ." (14) Ma' dan il-kittieb magħruf jiena naqbel ukoll li dak li ġara f'Malta ġara wkoll f'Għawdex billi aħna kważi poplu wieħed, biss bi ftit baħar miftuħ. Lill-qarrej nixtieq ngħarrfu li dak li ktibt sa issa qabel il-ġrajja tal-knisja qadima tal-Lunzjata fir-Rabat t'Għawdex ktibtu biex ikun bħala daħla u fl-istess ħin ikun ta' difiża għall-istoriċità ta' din il-knisja, jew aħjar kappella. Niġu issa għall-istorja tagħha.

Il-Knisja tal-Lunzjata

Il-kappella tal-Lunzjata, li kienet magħrufa bħala "Tas-Saqqajja", hija waħda mill-eqdem knejjes f'Għawdex imwaqqfa ftit wara l-ħelsien tal-Għarab minn dawn il-gżejjer. (15) Għandha piż ta' ġuspatronat irjali mwaqqaf mis-Sinjura Sibilla d'Aragona fis-sena 1347 bħalma jidher fi ftehim mar-Re Martinu. (16) Fuq it-twaqqif tal-benefizzju tas-Saqqajja, illum imsejjaħ tal-Lunzjata, naraw aktar 'l isfel f'din il-kitba. Ġiet ħafna drabi mtellgħa mill-ġdid, dan l-aħħar fis-sena 1500, mir-rettur tagħha Fra Pawl Tabone. (17) Fis-sena 1695 ġiet imqiegħda fuq il-bieb tal-knisja l-arma tar-Re ta' Sqallija bħala wirja li din il-knisja hija ta' ġuspatronat irjali. (18) Fis-sena 1629 sar il-kwadru l-qadim mill-pittur Garagona fejn kienu jidhru mpittra l-armi ta' l-imsemmi Tabone. (19) Fis-sena 1700 ġiet miżjuda daqsxejn ta' sagristija. (20) F'din is-sagristija ċkejkna li għandha bieb għal barra t-triq fuq il-lemin, għadha tidher sal-lum l-arma mnaqqxa fil-ġebel tar-Rettur D. Ercole Martin Testaferrata. Fuq din is-sagristija, f'Diċembru 1940, ġiet mibnija kamra b'tarag wiesa'. (21)

Il-kwadru tal-lum ġie mpitter mill-Kavallier Fra Luqa Garnier u mħallas minn Dr. Dun Nicola Mangion fejn għamel il-prospettiva ta' l-artal li hija mżejna bi skultura bl-armi tiegħu fil-pilastri. (22) Dan l-istoriku jkompli jgħarrafna li dan il-kwadru tilef ħafna mill-arti tiegħu għaliex ġie mimsus minn uħud li ma jifhmux fl-arti. (23) Dan il-kwadru kien imġedded minn Mangion li ħa dan il-benefizzju wara Tabone. (24) Kif igħarrafna De Soldanis, dari f'din il-knisja kien hemm ħafna piżijiet ta' quddies. Illum (i.e. fi żmien De Soldanis) hemm piżijiet ta' quddiesa kull nhar ta' Sibt li jqaddisha r-rettur tagħha li hu fid-dmir ukoll jagħmel quddiesa u l-għasar kantat tal-festa tagħha. Ara fuqha l-viżti li għamlu l-isqfijiet tagħna fis-sena 1618 u 1663. (25) Sa minn żmien qadim il-patrijiet ta' Santu Wistin tar-Rabat kienu jiġu mistiedna biex jagħmlu l-għasar u l-quddiesa kantata f'din il-knisja benefiċjali. Fis-sena 1879 bdew jiġu mistiedna l-qassisin. (26)

Il-qedem ta' din il-knisja jintwera wkoll għaliex taħtha hemm sotterran fond ħafna li kien jiġi għas-sagristija. Dan kien magħluq b'ħajt snin ilu biex ibiegħed kull periklu lit-tfal li ma jaqgħux fih meta dawn kienu jixxabbtu mal-blat. Billi dan is-sotterran huwa bogħod tefgħa ta' ġebla minn Għar Gerduf (jiġifieri għad-dfin) seta' fi żminijiet imbiegħda kien xi mkien ukoll għad-dfin. (27)

Referenzi

1. Storja tal-Knisja ta' A. Bonnici: Iż-żmien tad-deheb tar-Riforma Kattolika, paġ. 191.
2. Ibid. op.cit. Appendiċi paġ. 191.
3. Marija u Malta ta' A. Bonnici, paġ. 8-9.
4. Dizionario di Mariologia ta' P. Gabriele M. Roschini O.S.M. Edit. Studiym, paġ. 37.
5. Monografia Critica della Cattedrale Apostolica di Malta paġ. 17.
6. Eusebius Hist. Ecclesia III 4.6.
7. Catholic Encyc. IX 422.
8. Monografia Critica della Cattedrale Apost. di Malta paġ. 16.
9. Marija u Malta ta' A. Bonnici paġ. 7.
10. A.A. Caruana: Ancient Pagan Tombs and Christian Cemeteries, paġ. 125.
11. Storja ta' Malta ta' P. A. Vella Vol. I paġ. 63.
12. Ibid. op.cit. paġ. 63.
13. Ibid. op.cit. paġ. 66.
14. Marija u Malta ta' A. Bonnici.
15. A. Ferris: Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo, paġ. 561-2.
16. Ibid. op.cit. paġ. 562.
17. Għawdex bil-Ġrajja tiegħu ta' Mons. Ġ. Farrugia. It-II ktieb paġ. 53.
18. Ibid. op.cit. paġ. 53.
19. A. Ferris, paġ. 563.
20. Għawdex bil-Ġrajja tiegħu ta' Ġ. Farrugia, paġ. 53.
21. Mss tiegħi bl-isem Casal Chercem. Vol. XXVI paġ. 96.
22. A. Ferris, paġ. 563.
23. Ibid. op.cit. paġ. 563.
24. Għawdex bil-Ġrajja tiegħu, paġ. 53.
25. Ibid. op.cit. paġ. 53.
26. Mss Diario ta' Dun Ġużepp Zammit D.D.
27. San Paolo Apostolo e padre dei Gozitani ta' Mgr. Dekan G. Farrugia paġ. 181, 185.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —

SAQQIJIET

IMĦADED

CUSHIONS U AFFARIJIET

OĦRA TAL-FOAM


Irrikorru:

VITAFOAM MALTA LIMITED

Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)

Telephone: 36275/76

PROFILI BALZANIN — 3
DUN ĠWANN DIMECH



Ir-Rev. Dun Ġwann Dimech twieled il-Furjana fit-2 ta' Diċembru, 1922, minn Pawlu u Vinċenza neè Mizzi. Ħa l-edukazzjoni tiegħu primarja u sekondarja fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi Birkirkara. F'Ottubru 1940, il-familja kollha marret Għawdex minħabba l-gwerra u hemm kompla l-istudju tiegħu fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Hemmhekk studja l-letteratura, il-filosofija u għamel erba' snin oħra Teoloġija.

Ġie ordnat saċerdot nhar is-16 t'April 1949 mill-Isqof t'Għawdex Monsinjur Ġużeppi Pace. Qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar l-24 t'April, 1949.

Fl-1950 ġie joqgħod Ħal Balzan, fejn beda jagħti s-servizzi tiegħu lill-Parroċċa. Fl-istess sena ġie nominat Assistent Kappillan Nazzjonali tal-Moviment Żgħażagħ Ħaddiema Nsara u kompla f'din il-kariga sa l-1962, meta kellu jħalliha minħabba li s-sena ta' qabel kien ġie magħżul biex ikun Segretarju privat ta' Mons. Arċisqof Gonzi, kariga oħra li dam jokkupa sa l-1975. Fl-1958 kien il-Ko-fundatur u Teżorier tas-Soċjetà Christus Rex u fl-Għid ta' l-1961 kien ġie magħżul biex jirrappreżenta din is-soċjetà fil-Kungress li kien sar f'Youghal, l-Irlanda. Fl-istess sena nħatar wieħed mis-segretarji biex iħejju l-festi għaċ-Ċentinarju Pawlin ta' l-1960. F'din is-sena huwa ntgħażel membru fil-Missjoni ż-Żgħira fejn għadu attiv sal-lum. Fl-1961 ġie magħżul bħala direttur spiritwali fl-iskejjel tal-Gvern.

Fl-1968, Dun Ġwann Dimech ġie mibgħut mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni biex jieħu sehem f'kors kateketiku li kien sar f'St. Mary's College ġewwa l-Ingilterra. Fl-1970 ġie magħżul biex jirrappreżenta lil Mons. Arċisqof f'Kumitat li kellu jniedi Konkors għall-Belt jew Raħal miżmum l-Aħjar. Fl-1973 ġie maħtur Ass. Ekk. tal-Moviment tal-Għalliema ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija.

Fis-16 t'Ottubru, 1972, Dun Ġwann ġie nominat Kappillan Maġistrali ta' l-Ordni Sovran Militari Ospitalier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm u rċieva l-investitura tiegħu nhar is-7 ta' Settembru, 1973, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi.

Meta ġie joqgħod Ħal Balzan, Dun Ġwann beda jinteressa ruħu fl-istorja tiegħu u aktar tard beda jxandar l-artikli tiegħu fil-gazzetta "Ħal Balzan".